TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 108/18/F

**Kenneth Mallia**

**vs**

**Green Light Home Automation Malta**

Illum, 10 ta' Mejju, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, mitejn u ħamsin Ewro (€1,250), rappreżentanti l-prezz ta' sistema ta' l-alarm u kif ukoll l-installazzjoni.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta, u kif ukoll issottomettiet kontro-talba fl-ammont ta' elf, tmien mija u seba' Ewro, u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€1,807.21). It-Tribunal ra r-risposta tar-rikorrenti.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara sistema ta' l-alarm, fejn ikkonkluda illi s-sistema ta' l-alarm li ġiet installata ma kinitx qed taħdem tajjeb, u għalhekk ried li tinbidel, u jrid lura l-prezz tas-sistema u kif ukoll ta' l-installazzjoni.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi sabiex iżżomm lill-klijent kuntent, u mhux għax il-prodott kien difettuż, offra li jagħtih lura l-ammont ta' disa' mija, wieħed u sittin Ewro, u sitta u sittin ċenteżmi (€961.66), il-prezz tas-sistema ta' l-alarm, pero' ma riedx iħallas lura l-prezz ta' l-installazzjoni.

Illi għalkemm jidher li r-rikorrenti kien ordna xi affarijiet oħra, jibqa' l-fatt li xorta ma ħadmitx.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li jekk is-sistema ta' l-alarm kienet verament difettuża, s-soċjeta' ntimata għandha tħallas ukoll kemm tas-sistema ta' l-alarm, u kif ukoll ta' l-installazzjoni.

It-Tribunal, jinnota li l-ilment tar-rikorrenti huwa ġustifikat stante li s-sistema ma ħadmitx, u filwaqt illi japprezza li s-soċjeta' ntimata offriet li tħallas lura l-prezz ta' disa' mija, wieħed u sittin Ewro, u sitta u sittin ċenteżmi (€961.66), hemm differenza ta' mitejn u disgħin Ewro (€290), li jidher li huwa l-prezz ta' l-installazzjoni, u t-Tribunal jinnota li s-soċjeta' ntimata għandha tħallas ta' dan.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' disa' mija, wieħed u sittin Ewro, u sitta u sittin ċenteżmi (€961.66), u kif ukoll mitejn u disgħin Ewro (€290) li huwa l-prezz ta' l-installazzjoni, u qiegħed jiċħad il-kontro-talba, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**